# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 822/2017**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**
**kawtelatorju Numru 710/2016**
**fl-ismijiet:**

**Steven (K.I. 444361 M) u**
**Anita (K.I. 181663 M) konjugi Pace**

**vs.**

**Paul Camilleri (K.I. 346972 M),**
**Michael Micallef (K.I. 348962 M),**
**Ivan Farrugia (K.I. 201272 M), u**
**Valletta Glass SRL, kumpanija**
**Registrata r-Rumanija, ghal kull**
**interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors ta' Paul Camilleri fuq indikat datat is-7 ta' Settembru, 2017, li permezz tieghu essenzjalment espona is-segwenti:

1.1. Illi dan hu rikors *ai termini* tal-artiklu 836(1) (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

1.2. Illi l-intimati odjerni konjugi Pace ikkawtelaw l-ammont ta' sebghin elf euro, (€70,000.00), liema ammont gie depozitat taht l-awtorita` gudizzjarja, biex b'hekk inhareg l-opportun kontro-mandat;

1.3. Illi bejn il-kontendenti hemm ukoll procedura pendenti li ghadha *in vigore*;

1.4. Illi l-intimati odjerni hargu mandat ta' sekwestru kawtelatorju sussegwenti, dak hawn in dizamina, li permezz tieghu qed jikkawtelaw l-ammont ta' disgha u sebghin elf euro, (€79,000.00), bhala imghax, u l-ammont ta' sitt elef euro (€6,000.00), bhala spejjez;

1.5. Illi r-rikors odjern hu bbazat fuq il-fatt li r-rikorrenti odjern hu proprjetarju ta' fond Ghawdex li hu ta' valur ferm akbar li allura jissodisfa l-pretensjonijiet tal-intimati odjerni, u ghalhekk jitlob li l-mandat in dizamina jigi revokat bil-hrug tal-opportun kontro-mandat;

Ikkunsidrat:

2. Illi l-artiklu 836(1) (c) tal-Kap 12 jistipula li jista' jigi intavolat rikors fejn jintalab li l-att kawtelatorju *de quo* jigi revokat jekk:

> "... ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretenzjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni";

Ikkunsidrat:

3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Magri et vs. Magri**, datata s-**6 ta' Novembru, 2014**, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Illi l-Qorti tirrileva li d-dicitura tal-paragrafi (c) ... ma tistax titqies b'mod superficjali izda ghandha titqies b'mod akkurat ghaliex hija tal-fehma li bl-ghazla tal-aggettivi xierqa u bizzejjed li ghamel il-legislatur ried jassikura li l-garanzija alternattiva tkun tajba daqs dik kawtelata bil-mandat";

Ikkunsidrat:

4. Illi in vista tas-suespost, jispetta lil min jivvanta l-garanzija alternattiva li jipprova li din tissodisfa l-pretensjonijiet in dizamina;

5. Illi fil-fattispeci in dizamina r-rikorrenti odjern ipprezenta proprjeta` f'Ghawdex bhala sufficjenti bizzejjed li tissodisfa l-pretensjonijiet tal-intimati odjerni billi jallega li din tiswa erba' mija u tletin elf euro, (€430,000.00), (ara foll 21);

6. Illi jirrizulta li l-istess proprjeta` hi wkoll hielsa minn kull dejn u ipoteki, (ara foll 5);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi *nonostante* is-suespost, xorta wahda tibqa' l-incertezza jekk:

7.1. L-imsemmija proprjeta` hix gravata b'xi kirja lil terzi;

7.2. L-imsemmija proprjeta` hi fi stat ta' manutenzjoni hazina;

7.3. L-imsemmija proprjeta` hix qed taghmel tajjeb ghal djun ohra favur terzi sussegwentement ghad-data

indikata fid-dokument immarkat Dok. RIC 1, (ara foll 5), senjatament, wara d-19 ta' Lulju, 2017;

Ikkunsidrat:

8. Illi in vista tas-suespost, din il-qorti m'ghandiex dubju li l-esekuzzjoni tal-mandat kawtelatorju *de quo* jikkawtela ahjar il-pretensjoni tal-intimati odjerni mill-garanzija alternattiva immobiljari offerta mir-rikorrenti odjern;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova t-talba tieghu u konsegwentement:

**DECIDE:**

9.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti odjern ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina Numru 710/2016;

6.2. Bl-ispejjez ta' dan il-procediment kontra r-rikorrenti Paul Camilleri.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**